MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta tal-5 ta' Lulju, 2007

Citazzjoni Numru. 103/2004

**Tania Azzopardi**

**vs**

**Joseph Azzopardi u Robert Chircop u b`digriet tas-16 ta` Gunju, 2004, il-Qorti awtorizzat lis-socjeta` Elmo Insurance Limited tintervjeni fil-kawza *in statu et terminis* u b`digriet tal-Qorti tas-26 ta` Lulju, 2005 interveniet fil-kawza s-socjeta` Middle Sea Insurance Plc**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attrici fis-6 ta` Frar, 2004, li in forza taghha, wara li ppremettiet illi:

Nhar l-erbgha u ghoxrin (24) ta` Mejju, tas-sena elfejn u tnejn (2002), ghall-habta tas-sitta neqsin kwart ta`

filghaxija, waqt li l-konvenuti kienu qieghdin isuqu l-vettura, fil-kaz ta` Joseph Azzopardi, tat-tip Ford Transit bin-numru ta` registrazzjoni AAE-478, u fil-kaz tal-konvenut l-iehor Robert Chricop, tat-tip Toyota bin-numru ta` registrazzjoni ROB 071, it-tnejn fl-istess direzzjoni u wara xulxin fil-mini ta` Santa Venera (St. Venera Tunnels) ikkawzaw incident awtomobilistiku f`liema incident baqghu dehlin go wara tal-vettura tat-tip KIA Mentor numru ta` registrazzjoni JAE 747, proprjeta` tal-attrici, f`liema vettura l-attrici kienet passiggiera; (kif jidher mill-kopja ta` l-iskizz u tar-rapport tal-Pulizija hawn annessa u mmarkata ‘Dok. A’);

Dan l-incident sehh unikament tort u htija, b`negligenza, traskuragni, imperizja u nuqqas ta` tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenuti jew min minnhom;

Per konsegwenza ta` dan l-incident il-konvenuti, jew min minnhom, ikkawzaw danni fizici li rrizultaw f`dizabilita` permanenti lill-attrici (ara kopja tar-rapport tal-konsulent mediku hawn annessa u mmarkata ‘Dok. B’) u dan oltre l-hsara ingenti u irreparabbli li garrbet il-vettura tal-attrici;

Wara dan l-incident u per konsegwenza tad-danni fizici u dizabilita` permanenti li sofriet l-attrici, l-istess attrici ghadha sal-gurnata tal-lum tbati l-ugiegh u ghadha taht kura medika kontinwa u qieghda tinkorri diversi spejjez medici (ara kopji ta` xi fatturi hawn annessi u mmarkati ‘Dok. C, D, u E’)’;

Id-dizabilita` permanenti li ghandha l-attrici qieghda u ser tkompli taffettwa negattivament u perennement il-kwalita` tal-hajja lavorattiva u privata taghha kif jirrizulta mir-rapport tal-konsulent mediku hawn anness u kif ser jigi ulterjorment pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Talbet lill-konvenuti jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex:

(1) tiddeciedi u tiddikjara li l-konvenuti, jew min minnhom, responsabbli ghall-incident hawn fuq imsemmi u ghad-danni ikkagunati kif premessi lil Tania Azzopardi;

(2) tillikwida, okkorrendo bl-opra ta` periti u esperti nominandi, d-danni sofferti mill-attrici u l-vettura taghha per konsegwenza tal-incident stradali fuq deskritt;

(3) tikkundanna lill-konvenuti, jew min minnhom, sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi prefiss lilhom, ihallsu lill-attrici s-somma hekk likwidata.

Bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata u bl-ispejjez, kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni – u b`rizerva ghal kull azzjoni spettanti lill-attrici fil-konfront tal-konvenuti ghal danni ohra li l-attrici ghad trid issofri minhabba l-incident awtomobilistiku kagunat mill-konvenuti.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-attrici;

Rat li ghalkemm iz-zewg konvenuti gew debitament notifikati bl-att tac-citazzjoni, huma naqsu li jipprezentaw noti tal-eccezzjonijiet u hekk baqghu kontumaci;

Rat id-digriet ta` din il-Qorti tas-16 ta` Gunju, 2004, li in forza tieghu s-socjeta` Elmo Insurance Limited giet awtorizzata tintervjeni fil-kawza *in statu et terminis*;

Rat id-digriet ta` din il-Qorti tal-21 ta` Jannar, 2005, li in forza tieghu l-Qorti awtorizzat lis-socjeta` intervenjenti tressaq nota tal-eccezzjonijiet;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta` intervenut fil-kawza Elmo Insurance Limited li in forza taghha eccepiet illi:

1. L-ewwel talba attrici kif dedotta kontra l-konvenut Joseph Azzopardi [assikurat tal-eccipjenti] ghandha tkun respinta stante li ghall-incident tat-traffiku [meritu ta` din il-kawza] kien jahti <u>unikament</u> il-konvenut l-iehor Robert Chircop.

2. Isegwi ghalhekk li t-tieni talba attrici kif dedotta kontra l-istess Joseph Azzopardi ghandha tkun michuda billi fejn

jikkoncerna dan il-konvenut ma hemmx danni x`jigu likwidati favur l-attrici. Fi kwalunkwe kaz, u bla pregudizzju ghall-premess, jinkombi lill-attrici l-oneru li tipprova skond il-ligi li l-griehi li allegatament sofriet fil-persuna taghha kienu attwalment u direttament naxxenti mill-incident *de quo*.

3. Isegwi li anke t-tielet talba attrici kif dedotta kontra l-konvenut Joseph Azzopardi ghandha tkun rigettata stante li dan il-konvenut m`ghandux ikun ikkundannat ihallas danni lill-atturi.

4. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata relattiva;

Rat id-digriet ta` din il-Qorti tas-26 ta` Lulju, 2005, li in forza tieghu s-socjeta` Middlesea Insurance Plc giet awtorizzata tintervjeni fil-kawza *in statu et terminis*;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet (mhux awtorizzata) ta` din is-socjeta` intervenjenti li in forza taghha ecepiet illi:

1. L-ewwel talba attrici kif dedotta kontra l-konvenut Robert Chircop assikurat tas-socjeta` eccipjenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attrici stante illi huwa mhuwiex responsabbli ghall-incident tat-traffiku mertu ta` din il-kawza li ghalih jahti unikament il-konvenut l-iehor Joseph Azzopardi.

2. It-tieni u t-tielet talba attrici kif dedotti kontra l-konvenut Robert Chircop ghandhom ukoll jigu michuda stante illi l-istess konvenut ma kkaguna l-ebda danni lill-attrici u lill-vettura taghha, u dan kif ser jigi ppruvat fil-trattazzjoni tal-kawza.

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata relattiva;

Rat id-digriet ta` din il-Qorti tal-21 ta` Jannar, 2005, li in forza tieghu inhatar bhala perit mediku Mr. Raymond Gatt sabiex jezamina lill-attrici u jirrelata dwar id-dizabilita` permanenti allegata minnha;

Rat ir-rapport ippresentat mill-perit mediku fis-7 ta` Ottubru, 2005, u minnu mahluf fil-15 ta` Dicembru, 2005;

Rat li s-socjeta` intervenjenti Elmo Insurance Ltd resqet talba ghall-hatra ta` periti medici addizzjonali liema talba giet, pero`, irtirata fl-udjenza tat-2 ta` Marzu, 2007;

Semghet il-provi li ressqu l-partijiet;

Rat l-atti kellha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat in-noti tal-osservazzjonijiet tal-partijiet;

Rat li l-kawza giet differita ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi din il-kawza tikkoncerna *multiple collision* li sehhet fl-24 ta` Mejju, 2002, fil-mina ta` Santa Venera. Il-vetturi in kwistjoni kienu ghaddejjin taht it-tunnels li tiehu lejn il-Hamrun. Kien hemm hames vetturi involuti fl-incident, pero`, din il-kawza tikkoncerna lis-sewwieqa ta` l-ahhar tlett karozzi. L-ewwel karozza involuta kienet dik tat-tip FIAT Bravo bin-numru CMP-420 misjuqa min Mandy Farrugia. Din dahlet fit-tunnel, u peress li l-karozzi ta` quddiema waqfu, hi waqfet ukoll warajhom. Wara din il-karozza, kien hemm dik tat-tip Opel Astra bin-numru GAT-915 misjuqa minn certu Francis Micallef. Dan ukoll waqaf wara l-karozza ta` quddiemu. Wara dan kien hemm il-karozza Kia Mentor, numru JAE-747, li hi proprjeta` tal-atturi, izda dak il-hin kienet misjuqa minn Bernardette Spiteri; l-attrici kienet passigiera f`din il-karozza. Din il-vettura ukoll waqfet wara dik ta` quddiema.

Wara l-karozza tal-attrici, gie van ta` tip Ford Transit, numru AAE-478, misjuq mill-konvenut Joseph Azzopardi. Skond l-attrici, waqt li huma kienu weqfin fit-tunnel, semghet hoss ta` tvenvin ta` vettura, u meta dawret wicca rat il-van gej ghal fuqhom misjuq b`velocita` sostanzjali. Hi indunat li, ghalkemm dan kien qed izomm il-brake, il-vettura ma kienetx se tieqaf fil-hin, u ghattiet wicca in stennija tal-habta.  Il-van tal-konvenut baqa` diehel go wara tal-vettura tal-attrici, u din, bid-daqqa, giet imbuttata ghall-karozza ta` quddiema, u din ukoll ghal go ta` quddiema.  Wara din il-habta, hekk kif l-attrici u d-driver kienu qed jippruvaw inehhu s-seat belts, l-attrici hasset daqqa ohra hafifa minn wara, meta l-karozza ta` wara regghet dahlet f`dik tal-attrici li regghet habtet ma` ta` quddiemhom.  Dan gara ghax, f`dak il-mument, giet il-karozza tat-tip Toyota, numru ROB-071, misjuq minn Robert Chircop li dahlet fil-karozza ta` Joseph Azzopardi li giet imbuttata ghal fuq il-karozza tal-attrici.

Il-konvenut Joseph Azzopardi ma jaqbilx ma din il-verzjoni ta` kif sehhew l-affarijiet.  Hu jghid li waqaf wara l-karozza tal-attrici, izda imbaghad giet il-karozza misjuqa mill-konvenut Robert Chircop li baqghet diehla go fih minn wara; hu jghid li ghalkemm kellu saqajh fuq il-brakes, hu xorta wahda gie imbuttat ghal fuq il-karozza ta` quddiemu.

Il-konvenut Robert Chircop jghid li hu kien qed isuq wara l-van tal-konvenut Azzopardi, meta, f`daqqa wahda, dan tal-ahhar habat mal-karozza ta` quddiemu, u hu baqa` diehel fuq wara tal-vettura ta` Joseph Azzopardi.

L-attrici, sid il-vettura tat-tip Kia numru JAE-747, qed tallega li sofriet danni personali konsegwenza tal-incident, u dan barra hsara fil-vettura taghha.  L-attrici esebiet certifikat mahrug minn Dr. A Bosmodjian li rrelata li l-attrici qed issofri minn dizabilita` permanenti ta` 6%; il-perit mediku mahtur mill-Qorti irrelata li l-attrici qed issofri minn dizabilita` permanenti ta` 5%.  L-attrici qed titlob ukoll kumpens ta` Lm2,670 bhala *damnum emergens.*

Mic-cirkustanzi tal-kaz jirrizulta zgur li l-habta fil-vettura tal-attrici saret minn wara, u li kien il-konvenut Joseph

Azzopardi li fizikament laqghet il-karozza tal-attrici. Bhala principju, f`kaz ta` *rear-end collision*, ir-responsabilita` ghall-akkadut hija ta` dik tal-vettura li tigi minn wara. Fil-kawza "Cassar vs Muscat", deciza minn din il-Qorti fis-7 ta` Lulju, 1989, gie osservat li kollizzjoni li tigri ghalhiex vettura investiet il-vettura ta` quddiema ghaliex din waqfet, timplika dejjem presunzjoni ta` tort tas-sewwieq tal-vettura ta` wara li ghandu dejjem jikkalkula spazju sufficcjenti biex fih ikun jista` jieqaf, jekk ikollu bzonn, minghajr ma jolqot lil ta` quddiemu. Fil-kawza "Attard vs Abela", deciza minn din il-Qorti fit-13 ta` Marzu, 1987, intqal li hu risaput illi f`*rear-end collision*, ir-responsabbilita` ghall-incident taqa` fuq is-sewwieq tal-karozza ta` wara. Sewwieq li jkun qed isegwi karozza ohra ghandu dejjem izomm bizzejjed distanza bejnu u l-karozza ta` quddiemu biex jekk dan jieqaf f`salt ikollu bizzejjed zmien biex jieqaf hu wkoll. Inoltre min jallega *'inevitable accident'* irid jipprova hu dan il-fatt (ara wkoll "Cutajar vs Hafid", deciza min din il-Qorti fis-27 ta` April, 2005).

Il-konvenut Joseph Azzopardi, li dahal fuq wara tal-karozza tal-attrici, jghid li ma kienx hu li dahal fuq il-karozza ta` quddiemu, imma gie imbuttat ghal fuq il-karozza ta` quddiemu mill-karozza li giet minn warajh u li kienet misjuqa mill-konvenut l-iehor Robert Chircop. Din il-Qorti ma taqbilx ma din is-sottomissjoni. L-attrici ikkonfermat, u dan anke fil-mument tal-investigazzjoni tal-incident mill-Pulizija, li hi giet milquta darbtejn; hi qalet li l-van tal-konvenut Azzopardi dahal ghal fuq il-vettura taghha darbtejn, u allura bil-fors li, tal-anqas l-ewwel darba, il-konvenut Azzopardi dahal hu, minn jeddu, fil-vettura ta` quddiemu. Kienet biss it-tieni daqqa li hu ta` lill-vettura tal-attrici li kienet rizultat tad-daqqa li hu qala` mill-karozza ta` warajh. Kieku hu dahal fil-vettura wara li qala` id-daqqa minn ta` warajh, l-attrici kienet taqla daqqa wahda mhux tnejn.

Jirrizulta wkoll li l-attrici semghet lill-konvenut Azzopardi gej, innottat li kien qed isuq bi speed qawwi, u semghet il-*brakes* tal-karozza tieghu qabel ma din baqghet diehla fil-karozza taghha. Mill-isketch, jidher li kienet il-karozza tal-

konvenut li halliet *brake-marks* tul ta` 10 metri, u dan jikkonferma l-verzjoni tal-incident kif iddeskrivitu l-attrici.

Il-konvenut Azzopardi jghid li l-*brake marks* gew ikkagunati meta l-vettura ta` warajh imbuttatu minn wara, u hu ipprova ma jidholx fil-karozza ta` quddiemu billi jzomm il-*brakes*. Din il-Qorti tara li hi ftit difficcli li Ford Transit wieqfa tigi imbuttata 10 metri minn Toyota, thalli *brake-marks* ghal tul ta` 10 metri, u tibqa` diehla fil-karozza ta` quddiemha u tikkagunalha hsarat kbar. Biex dan seta` jigri l-karozza Toyota tkun mehtieg li tkun qed tinstaq b`velocita` qawwi immens, izda kieku kienet hekk qed tinstaq, il-hsarat fuq quddiem tat-Toyota u fuq wara tal-Ford Transit kienu jirrizultaw aktar gravi milli gew deskritti. Il-van Ford Transit hija vettura tqila, u mhux facli li tigi imbutata minn karozza tal-passiggieri ghal tul ta` ghaxar metri bil-*brakes on*! Karozzi tat-tip Toyota ghandhom magni tajbin, pero`, mhumiex vetturi tqal, u kieku hi dahlet gol-van ta` Azzopardi bi speed mehtieg biex timbutha ghal tul ta` 10 metri (u bil-*brakes on*), il-karozza kienet tispicca *total loss*, u mhux ikollha hsarat fuq quddiem biss, ghalkemm deskritti estensivi mill-Pulizija li investiga l-kaz.

Il-karozza tal-attrici qalet daqqa kbira minn wara, u tali daqqa kienet rizultat tal-van ta` Azzopardi misjuqa minnu u, sa dak il-mument, taht il-kontroll tieghu. L-attrici, bid-daqqa, habtet rasha ma x`imkien fil-karozza, u dan allavolja hija kienet liebaa s-seat belt. Dan jindika li d-daqqa kienet qawwija, u dan bil-fors li kien rizultat tal-karozza ta` Azzopardi diehla *at its own motion* fil-vettura tal-attrici. Kif inghad, il-fatt li l-attrici hasset zewg daqqiet jindika b`mod car li l-incident ma sehhx biss ghax il-vettura ta` Azzopardi giet imbuttata ghal fuq dik tal-attrici, izda li dan kien it-tieni impatt li sehh wara li Azzopardi kien diga` habat minn rajh fil-vettura tal-attrici.

Il-Qorti hija konvinta li l-incident sehh ghax il-konvenut Azzopardi kien qed isuq bi speed eccessiv ghal local u minghajr id-debita attenzjoni. Min ikun diehel go tunnel mid-dawl, ma jarax sew x`vetturi jkun hemm fit-tunnel, u ghal moment jara kollox fi skur, u, ghalhekk, irid jidhol

f`tunnel bi speed baxx hafna u b`attenzjoni massiva, imqarr sakemm l-ghajnejn jidraw id-dlam ta` tunnel. Il-konvenut Azzopardi, f`dan il-kaz, jidher li baqa` diehel bl-amment fit-tunnel u bi speed li kien qed isuq, b`mod li meta ra l-karozza tal-attrici wieqfa quddiemu, ma setax jieqaf.

L-imsemmi konvenut jghid li kien qed isuq bi speed *"normali"*, pero` ma jidhirx li hu kredibbli ghax mitlub jindika speed qal li kien ghaddej *"bit-30"* pero`, ma setax jghid jekk dawn kienux mili fis-siegha jew kilometri fis-siegha, ghax ma jafx x`tip ta` speedometer ghandu fil-van! Ghal persuna li hi mechanic u issuq van li ilu ghandha, difficcli din il-Qorti temmen li hu mhux kapaci jindika b`aktar precizjoni l-ispeed li bih kien ghaddej.

Fil-kawza deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-15 ta` Jannar, 2002, fl-ismijiet "Micallef St. John vs Spiteri et", intqal;

*"Il-Qorti ta` l-Appell fil-kaz in kwistjoni (James Attard vs Alfred Desira deciza fil-21 ta` Mejju, 1986) ghamlet riferenza ghas-sentenza moghtija f`kazijiet Inglizi kwotati f`Charlesworth, Law of Negligence, fosthom Tart vs Chitty fejn il-Qorti tal-Appell Ingliza iddecidiet li meta persuna li kienet qed issuq mutur dahlet fil-parti ta` wara ta` truck li kien wieqaf ikkonkludiet illi l-fatti "pointed out to one solution only; either the plaintiff was not keeping a proper look at in which case he was guilty of negligence, or if he was keeping a look out he was going too quickly or for some other reason had not his motor cycle under such proper control that he was able to avoid the collision". L-istess fil-kawza Baker vs Longhurst il-Qorti iddecidiet li l-attur li kien qed isuq motor cycle u habat ma` ziemel u karettun li ma kellhomx dawl kellu jkun "riding at such a pace as to be able to pull up within the limits of his vision and he must either have been going too fast or not keeping a proper look out". Diversi sentenzi tal-Qrati taghna mxew fuq l-istess principju"*.

Il-konvenut Robert Chircop huwa wkoll responsabbli ta` sewqan traskurat, ghax hu wkoll baqa` diehel fil-vettura

ta` quddiemu u ma kienx, allura, qed izomm *a proper look out*. Jidher, pero`, li l-habta tieghu ma kkawzat ebda hsara lill-attrici u l-vettura taghha. It-tieni daqqa li hasset l-attrici kienet wahda *"hafifa"*, izda d-daqqa li garbet meta l-konvenut Azzopardi dahal gol-karozza taghha kienet wahda kbira, tant li, mad-daqqa, habtet rasha u hasset gibda f`ghonqa. It-tieni daqqa ma waslet ghal ebda hsara jew konsegwenzi serji. Il-hsarat li garbet il-karozza tal-attrici, li kienu estensivi, ukoll kienu konsegwenza tal-ewwel daqqa u mhux tat-tieni.

Kwindi l-Qorti tikkonkludi li, fil-konfront tal-attrici, il-konvenut Joseph Azzopardi ghandu jitqies responsabbli ghall-incident u ghad-danni konsegwenzjali li sofriet l-attrici.

Dwar danni, l-attrici qed titlob kumpens kemm bhala *lucrum cessans*, kif ukoll *damnum emergens*.

Ghar-rigward ta` *lucrum cessans*, jirrizulta li l-attrici kellha 35 sena meta sehh l-incident, u kellha dhul ta` Lm5,820 fis-sena. L-attrici kienet tahdem fid-Dragonara Casino u kienet tokkupa l-kariga ta` *Senior Surveillance Officer*. Bil-griehi li garbet, hi sabet li diversi attivitajiet konnessi max-xoghol taghha bdew ikunu ta` skomdu jew ugiegh kontinwu ghaliha. Il-perit mediku irrelata li hi tbati minn 5% dizabilita` permanenti.

Bhala *multiplier*, il-Qorti tqies li mehud kont tal-kontingenzi tal-hajja futuri (ara applikazzjoni ta` dan il-principju fil-kawza "Caruana vs Camilleri", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-27 ta` Frar, 2005), din ghandha tkun ta` 20. Id-dhul taghha ghandu jigi ikkalkulat fuq bazi ta` Lm6,500 fis-sena, mehud kont iz-zieda fis-salarju li l-attrici tista` tgawdi, kemm minhabba z-zieda fl-inflazzjoni kif ukoll kagun ta` avvanzi fil-karriera taghha.

Il-kumpens dovut taht dan il-kap ghandu, allura, jigi kkalkolat hekk:

Lm6,500x20x5%=Lm6,500

Peress li s-somma se tithallas f`daqqa, ghandu jsir tnaqqis minhabba *lump sum payment*, izda la darba l-incident sehh fl-2002, aktar minn hames snin ilu, skond il-gurisprudenza aktar akkreditata, il-*lump sum deduction* m`ghandux ikun ta` 20%, izda biss ta` 14%. B`hekk, jigi li l-ammont dovut taht dan il-kap huwa ta` Lm5,590.

L-attrici qed titlob ukoll li tigi rimborsata ghal xi spejjes li ghamlet. L-ispejjez ghal saqqu ortopediku (Lm100), ghat-tobba u konsulenti medici (Lm155) u ghal medicinali (Lm15.04), huwa koroborati bl-ircevuti u huma ammissibbli. L-attrici qed titlob ukoll kumpens ghal hsara li garbet fil-vettura. Qabel l-incident, il-karozza kienet inxurjata ghal valur ta` Lm3,400. Wara l-incident, peress li ma ircevietx kumpens biex tkun tista` isewwi l-vettura, iddecidiet li tbieghha fl-istat mahbut, u bieghata bil-prezz ta` Lm1,000. Hi, ghalhekk, qed titlob li tinghata d-diferenza ta` Lm2,400. Fuq din il-partita, l-Qorti tinnota li l-fatt li l-karozza kienet inxurjata fuq Lm3,400, ma jfissirx li l-*market value* taghha qabel il-habta kien dak. F`kaz ta` *total loss* ta` karozza, is-socjeta` assikurattrici jkollha obbligu li thallas il-*pre-accident market value* taghha (bit-tnaqqis tal-valur tal-*wreck*) u mhux il-valur indikat ghal fini ta` assikurazzjoni. Fil-kawza <u>“Blackman vs Formosa”</u>, deciza minn din il-Qorti fil-5 ta` Ottubru, 1994, il-Qorti accettat u segwit il-principju li fil-kaz ta` likwidazzjoni ta` hsarat f`karozza *“the correct basis is either the cost of repair plus hire charges or the market value of the damaged car immediately before the accident, plus hire charges until replaced, less its scrap value”*.

F`dan il-kaz, ma giex muri x`kien il-pre-accident value tal-karozza, u l-Qorti trid, ghalhekk, bil-fors tipprocedi *arbitrio et boni viri.* Fil-fatt fil-kawza <u>“Vella vs Grech”</u>, deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fit-18 ta` Ottubru, 2006, dik l-Onorabbli Qorti accettat direttiva gwida tal-Qorti Taljana ta` Kassazzjoni fis-sens illi:

*“il giudice deve, anche d`ufficio, procedure alla liquidazione equitativa dei danni in cui riconosce l’ esistenza, tanto nell’ipotesi in cui sia completamente mancata la prova del loro ammontare, a causa*

*dell`impossibilita` di fornire congrui ed idonei elementi a riguardo, quanto nell`ipotesi in cui, pur essendosi svolta attivita`processuale per fornire tali elementi, per la notevole difficolta` di una precisa quantificazione, non siano ritenuti di sicura efficacia".*

(ara wkoll is-sentenza "Mallia vs Muscat", deciza minn din il-Qorti fis-16 ta` Ottubru, 2006).

Il-Qorti, mehud in konsiderazzjoni tal-fatt li l-karozza hija mudell tal-1996, b`*year of manufacture* ikun dak 2000, u li kull vettura titlef hafna valur bl-uzu taghha fit-triq, tiffisa l-*pre-accident value* tal-karozza fl-ammont ta` Lm2,000. B`hekk, peress li l-attrici rceviet is-somma ta` Lm1,000 ghal *wreck*, hi ghandha tircievi bhala kumpens ulterjuri s-somma ta` Lm1,000. B`hekk, bhala *damnum emergens*, l-attrici ghandha tircievi s-somma totali ta` Lm1,270.04.

Il-kumpens li ghandu jithallas lill-attrici, kemm bhala *damnum emergens,* kif ukoll bhala *lucrum cessans*, huwa ta` Lm6,860.04.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi tilqa` t-talbiet attrici fil-konfront biss tal-konvenut Joseph Azzopardi, tiddikjarah unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni u ghad-danni konsegwenzjali li garbet l-attrici, u tikkundannah ihallas lill-attrici, in linea ta` danni, s-somma ta` Lm6,860.04 (sitt elef, tmien mija u sittin lira u erbgha centezmi), bl-imghax legali millum sal-pagament effettiv; tichad it-talbiet attrici fil-konfront tal-konvenut l-iehor Robert Chircop .

Peress li l-attrici tat lok ghad-dewmien f`din il-kawza (ara, in partikolari, il-verbal tas-seduta tat-12 ta` Mejju, 2005, fid-dawl tal-verbal tas-seduta precedenti) fir-rigward tal-ispejjez tordna li, fil-waqt li z-zewg socjetajiet intervenjenti ghandhom ihallsu l-ispejjez taghhom, l-ispejjez l-ohra kollha ghandhom jithallsu kwantu ghall-1/10 (parti minn ghaxra) mill-attrici, u 9/10 (disa` partijiet minn ghaxra) mill-konvenut Joseph Azzopardi.

IMHALLEF

DEP/REG

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------